MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1797/2002

**Capua Palace Limited**

**vs**

**Jane Farrugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm256.30) rappresentanti hlas dovut ghall-akkomodazzjoni u servizzi medici prestati lilha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta'l-avukat Dr.Geraldine Spiteri ghas-socjeta attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm256.30), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------